

## Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-Repubblika Ellenika qed titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-7 ta' Diċembru 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat C 3/2010 u l-għajnuna kumpensatorja mogħtija mill-ELGA matul l-2008 u l-2009, innotifikata bid-dokument numru C(2011) 7260 finali.

- (1) Permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-UE interpretat u applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 107(1) u l-Artikolu 108 TFUE flimkien ma' dawk tal-Liġi Nru 1790/1988 <sup>(1)</sup> li jirregolaw l-ELGA u evalwat b'mod żbaljat il-fatti, peress li l-pagamenti kollha tas-sena 2009 (EUR 415 019 452) kienu jikkostitwixxu kumpens leġittimu għad-danni kkawżati lill-produzzjoni agrikola u lill-bhejjem mill-kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena li seħħew fl-2007 u fl-2008 u li l-ELGA, fil-kapaċċità tagħha bħala organizazzjoni specjalji tas-sigurta soċjali, kellha l-obbligu li tikkumpensa fl-ambitu tas-sistema ta' kopertura assigurattiva obbligatorja tal-produzzjoni agrikola.
  
- (2) Permezz tat-tieni motiv, ir-rikorrenti targumenta li hemm żball fl-evalwazzjoni tal-fatti u ksur tad-forom proċedurali sostanzjali, peress li l-UE, abbażi ta' interpretazzjoni żbaljata tal-fatti u raġunijiet insuffiċjenti u/jew ineżistenti, waslet għall-konklużjoni li l-pagamenti tal-2009 jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat illegali, peress li ma humiex iġġustifikati min-natura u s-sistema ta' assigurazzjoni obbligatorja tal-ELGA, ikkostitwixxew vantaġġ ekonomiku għall-benefiċjarji tal-pagamenti u heddew li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni u li jaffettaw il-kummerċ bejn Stati Membri.
  
- (3) Permezz tat-tielet motiv, ir-rikorrenti ssostni li saret interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Artikoli 107 u 108 TFUE u ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, billi l-Kummissjoni, illegalment u fi kwalunkwe każ b'nuqqas ta' motivazzjoni, inkluđiet fl-ammonti li għandhom jiġu rkuprati bħala għajnuna mill-Istat illegali s-somma ta' EUR 186 011 000,60 li rrappreżentat il-kontribuzzjoniċċi mandatorji specjalji mhalla mill-bdiewa nfushom fl-2008 u 2009 fil-kuntest tal-assigurazzjoni obbligatorja ta' ELGA u li ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat illegali, iżda kienu riżorsi privati, u konsegwentement dan l-ammont kellu jitnaqqas mill-irkupru finali.
  
- (4) Permezz tar-raba' motiv ta' annullament, ir-rikorrenti tafferma li l-UE interpretat u applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 107(3)(b) TFUE u indebitament eżerċitat id-diskrezzjoni li hija għandha fl-ambitu tal-għajnuna mill-Istat, minħabba li pagamenti tal-2009 kellhom jitqiesu li huma kompatibbli mas-suq domestiku minħabba l-gravità manifesta tad-disturb ekonomiku tas-setturi kollha tal-ekonomija Griega u l-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt primarju tal-UE ma tistax tiddeppendi fuq id-dħul fis-seħħ ta' komunikazzjoni tal-UE, bħall-Qafas Komunitarju Temporanju.

(5) Permezz tal-ħumes motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni li madankollu, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, l-UE kisret l-Artikoli 39, 107(3)(b), u 296 TFUE u l-prinċipji ġenerali ta' trattament ugħwali, ta' proporzjonalità, tal-aspettattivi leġit-timi, tal-libertà ekonomika u tar-regoli tal-kompetizzjoni, minħabba l-eċċeżżjoni mhux iġġustifikata u mhux immotivata u n-nuqqas ta' implementazzjoni tal-Qafas Komunitarju Temporanju fis-seħħ mis-17 ta' Diċembru 2008 għal kumpanniji li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli, kif kien fis-seħħi għall-imprizzi kollha l-oħra fis-setturi kollha l-oħra tal-ekonomija Komunitarja.

(6) Permezz tas-sitt motiv tal-annullament tagħha, ir-rikorrenti ssostni li bid-deċiżjoni kkontestata, l-UE evalwat u kkalkulat b'mod żbaljat l-ammonti li kellhom jiġi rkuprati, peress li ma naqsitx l-għajnuna de minimis, ipprovudta fir-Regolamenti Nru 1860/2004 <sup>(2)</sup> u Nru 1535/2007 <sup>(3)</sup> dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna de minimis fis-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd.

(7) Permezz tas-seba' motiv tal-annullament, ir-rikorrenti ssostni li l-UE, bl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljata tal-linji gwida dwar għajnuna mill-Istat fis-setturi agrikolu u forestali 2007-2013, billi wettqet żball fl-evalwazzjoni diskrezzjoni u fl-istess ħin billi ppreżentat motivazzjoniċċi b'nuqqasijiet u kontraditorji, ikkunsidrat li l-kumpens imħallas fl-2008 għal danni lill-produzzjoni agrikola kkawżati minn orsijiet, ekwivalenti għal 100 % tal-ammont ta' għajnuna, huwa kompatibbli mas-suq intern biss bil-perċen-tawli ta' 80 %.

<sup>(1)</sup> Liġi Nru 1790/1988 dwar l-“organizzazioni u funzjonament tal-Organizzazzjoni Griega tal-assigurazzjoni agricola u dispożizzjoniċċi oħra”, (FEK A' 134/20.06.1988)

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1860/2004, tas-6 ta' Ottubru 2004, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna de minimis fis-setturi tal-agrikoltura u tas-sajd

<sup>(3)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2007, tal-20 ta' Diċembru 2007, dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuniet de minimis fis-setturi tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Frar 2012 — Planet vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-59/12)

(2012/C 118/45)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

### Partijiet

Rikorrenti: Planet A.E. public limited consultancy company (Ateni, il-Greċċa) (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara li l-ħlas tardiv mill-Kummissjoni tal-aħħar pagament tal-fondi pagabbi lir-rikorrenti fir-rigward ta' kuntratt ta' ħidma "Collaboration Environment for Strategic Innovation (Laboranova)", li jammonta għal EUR 20 665,17, jikkostitwixxi ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha u tordna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 20 665,17, fir-rigward tal-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti fir-raba' perijodu ta' riferiment ta' ħidma Laboranova, bl-interessi mit-12 ta' Ottubru 2011;
- tiddikjara li r-rikorrenti ma hijiex obbligata li tirrimborsa lill-Kummissjoni l-pagament akkont li jammonta għal EUR 39 657,30 għall-perijodu P4 tal-ħidma Laboranova;
- tordna lill-Kummissjoni sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 30 000,00, bħala kumpens għad-dannu lir-reputazzjoni professjonal tar-rikorrenti li ġie kkawżat mill-ksur mill-Kummissjoni tas-sigriet professjonal, b'interessi kumpensatorji li jiddekkorru mis-6 ta' Ottubru 2011 sal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża u bl-interessi moratorji mill-għoti tas-sentenza fdawn il-proċeduri sal-ħlas sħiħ; u
- tordna lill-Kummissjoni sabiex tħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti.

## Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti jgħaqqaż żewġ rikorsi.

L-ewwel nett, rikors fir-rigward tar-responsabbiltà tal-Kummissjoni taħt il-kuntratt Nru 035262 għall-implementazzjoni tal-ħidma "Collaboration Environment for Strategic Innovation (Laboranova)", skont l-Artikolu 272 tat-TFUE. B'mod partikolari, ir-rikorrenti ssostni li, għalkemm hija wettqet bis-sħiħ u kif xieraq l-obbligi kuntrattwali tagħha, il-Kummissjoni, mingħajr ebda ġustifikazzjoni u kontra t-termini tal-imsemmi kuntratt u l-prinċipju ta' *bona fide*, irrifutat li tħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti għall-perijodu P4 u ssuspendiet il-ħlas lir-rikorrenti. Konsegwentement, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni hija obbligata li tħallasha s-somma ta' EUR 20 665,17 bl-interessi mit-12 ta' Ottubru 2011, kif stipulat fil-klawżola II 28(7) tal-Anness II tal-kuntratt, u li l-Kummissjoni ma hijiex intitolata li tipprova tirkupra mingħand Planet, ħlas lura tal-ħlas akkont għall-perijodu P4, li jammonta għal EUR 39 657,30.

It-tieni nett, azzjoni fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE. B'mod partikolari, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, peress li għarrfet lill-koordinatur tal-ħidma bl-eżiżenza ta' verifika finanzjarja fir-rigward tar-rikorrenti, pależ-żament kisret ir-regoli fir-rigward tal-proteżzjoni tas-segretezza professjonal, u konsegwentement ikkawżat dannu lir-reputazzjoni professjonal tar-rikorrenti. Għaldaqstant, ir-rikorrenti titlob

kumpens għad-dannu morali subit bl-interessi (interessi kumpensatorji għall-perijodu li jiddekkorri mid-data tal-komunita' kazzjoni illegali sal-għoti tas-sentenza f'din il-kawża u sal-ħlas sħiħ tal-kumpens dovut); espressament mingħajr preġudizzu għall-kumpens tad-dannu materjali kkawżat mill-agħir illegali tal-Kummissjoni imsemmi iktar 'il fuq.

---

## Appell ippreżentat fis-16 ta' Frar 2012 minn Guido Strack kontra d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-7 ta' Diċembru 2011 fil-Kawża F-44/05 RENV — Strack vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-65/12 P)

(2012/C 118/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

**Appellant:** Guido Strack (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

**Parti oħra fil-proċedura:** Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

- tannulla, fl-intier tiegħu, id-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Diċembru 2011 fil-Kawża F-44/05 RENV;
- tikkundanna lill-konvenuta, skont it-talba tar-riktorrent fil-punt 1, A.4 tar-rikors ippreżentat minnu fil-21 ta' Frar 2011, fil-kuntest tal-Kawża F-44/05 RENV, liema talba hija mmotivata fil-punti 78-85 tal-imsemmi rikors, tikkumpensa d-danni mġarrba minħabba tul-eċċessiv ta' proċeduri, fis-sens tal-Artikolu 6 KEDB, għal ammont ta' EUR 2 500;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha tal-proċeduri.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka erba' aggravji.

(1) L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' qorti stabbilita mil-liġi, tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), tat-tieni paragrafu tal-l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”) u tal-Artikolu 4(4) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

— Fil-kuntest ta' tali aggravju, l-appellant jilmenta li l-proċeduri ġew inizjalment assenjati lil awla oħra tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP) u li, għall-assenzazzjoni suċċessiva, ma hemmx il-bażi legali neċċessarja.